MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 295/2006

**MALTACOM Plc**

**V**

**LAZZE MARIA GRAZIA**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar t-tlieta [3] ta' Ottubru 2006 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef mitejn tmienja u tmenin lira u sitta u erbghin centesmi maltin (LM4288.64) rapprezentanti ammont miinha dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici (skond kif jirrisulta mid –Dokument A u Dokument B kopja tal-applikazzjoni hija anness u markata bhala Dokument C).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxxijiet kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar d-disgha w ghoxrin [29] ta' Novembru 2006 u bl-avviz ghar-riappuntament tal-kawza nhar t-tmienja w ghoxrin [28] ta' Frar 2007.

Rat illi fis-seduta tad-disgha [9] ta' Marzu 2007 l-konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbat elef mitejn tmienja u tmenin lira maltin u sitta u erbghin centesmi (LM4288.64) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------